MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1443/2002/1

**MTC Co-Op Limited**

**vs**

**Mark Anthony Tabone**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Gunju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbghin lira Maltin (Lm540.00) rapprezentanti kwantu ghas-smma ta' Lm390.00 hlas ta' danni li ghamel il-konvenut fuq il-vann MTC 011 meta kien impjegat mas-socjeta' attrici u kwantu ghal Lm150.00 hlas ta' 'excess' mal-'iinsurance' in konnessjoni mal-vann MTC 007.
Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fejn huw aeccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici kemm n kwantu ta' danni, billi huwa ma kkaguna ebda danni fuq il-vettura MTC 011, kif ukoll ebda ammont ma huwa dovut bhala 'excess' tal-insurance fuq il-vettura numru MTC 007. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Caruana, Edwin Cilia u tal-konvenut Mark Anthony Tabone. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenut kien impjegat bhala sewwieq mas-socjeta' attrici. Mill-provi rrizulta li huwa kien involut fi tlett incidenti awtomobilistici waqt li kien qed isuq it-trukkijiet propjeta' tas-socjeta' attrici. L-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirrigwarda in kwantu ghall-Lm390.00 bhala danni kagunati fuq it-trukk MTC 011 f'wiehed minn dawn l-incidenti u kwantu ghal Lm150.00 'Excess' imhallas mis-socjeta' attrici lis-socjeta' assikuratrici taghha in konnessjoni ma' ncident iehor fejn kien involut il-konvenut waqt li kien qed isuq it-trukk bin-numru MTC 007.

Illi l-konvenut jirritjeni li m'ghandux ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm390.00 rigwardanti l-incident tat-12 ta' Dicembru 2001 li sehh B'bugia stante li l-kwistjoni ta' responsabilita' ma giet determinata minn hadd. Fil-fehma tat-Tribunal il-kwistjoni ta' responsabilita' bejn is-sewwieqa ghall-incident hija ghal kollox irrelevanti in kwanntu jirrigwarda l-mertu tal-kawza odjerna. Il-konvenut kellu fdat fil-pussess tieghu trukk propjeta' tas-socjeta' attrici u huwa kien obbligat li jagixxi ta' bonus paterfamilias fl-uzu ta' dan it-trukk u kien responsabbli li jirritorna t-trukk fl-istess kundizzjoni li gie konsenjat lilu mis-socjeta' attrici. M'hemm l-ebda kontestazzjoni li l-incident sehh u li t-trukk in kwistjoni kien danneggjat. Il-konvenut kellu relazzjoni kontratwali mas-socjeta' attrici u kien tenut li jaghmel

tajjeb ghad-danni kawzati fit-trukk propjeta’ taghha waqt li l-imsemmi truck kien fil-pussess tieghu.

Illi l-konvenut isostni wkoll li t-trukk in kwistjoni kien assikurat taht polza ‘omprehensive’ u li ghalhekk is-socjeta’ attrici setghat ghamlet ‘claim’ mal-assikurazzjoni sabiex tirkupra d-danni kagunati fil-vann. It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut ma kellu ebda dritt li jimponi fuq is-socjeta’ attrici li taghmel ‘claim’. L-uniku obbligu li ghandu l-konvenut huwa li jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kagunati fit-trukk propjeta’ tas-socjeta’ attrici waqt li l-imsemmi trukk kien fil-pussess tieghu. Inoltre s-socjeta’ attrici kellha raguni valida u sostenibbli sabiex tiddeciedi li tirtira l-‘claim’ relattiva u cioe’ li tevita li thallas ‘premium’ hafna aktar oghli fl-ahhar tas-sena u dan peress li kienu diga’ saru diversi ‘claims’ rigwardanti ncidenti li kien involut fihom il-konvenut.

Illi s-socjeta’ attrici qed titlob ukoll il-hlas ta’ Lm150.00 ‘Excess’ imhallas minnha in konnessjoni ma’ ncident iehor fejn kien involut il-konvenut. Is-socjeta’ attrici esebiet ricevuta rilaxjata minn  Karizia Insurance (a fol. 12 tal-process) datata 20 ta’ Frar 2001 ghal Lm150.00 riggwardanti ‘Excess’ imhallas mis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ ncident stradali li sehh il-Belt Valletta fil-5 ta’ Ottubru 2000. JosephCaruana, ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, fiss-eduta tat-23 ta’ Ottubru 2002, xehed li s-socjeta’ attrici kienet iddecidiet li tnaqqas l-ammont ta’ Lm25.00 biss mill-paga tal-konvenut in kwantu jirrigwarda dan l-incident allavolja hija kienet hallset Lm150.00 bhala ‘Excess’. Huwa qal ukoll li l-Lm150.00 ‘Excess’ li jifforma parti mis-sorte tal-kawza odjerna jirrigwarda kollizzjoni ohra li kien involut fiha l-konvenut bit-trukk tal-kumpanija liema kollizjoni sehhet fit-12 ta’ Jannar 2001, f’Hal Tarxien. Is-socjeta’ attrici naqset milli tesebixxi l-ircevuta relattiva u ghalhekk hija ma pruvatx soddisfacentement li dan l-ammmont ta’ Lm150.00 thallas minnha. Isegwi ghalhekk li l-konvenut ma jistax jigi kkundannat ihallas dan l-ammont ta’ Lm150.00.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ tlett mija u

disghin lira Maltin (Lm390.00) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u disghin lira Maltin (Lm390.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------